Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 521 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Maurice Curmi

Vs

Peter Paul Muscat

Illum 6 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Peter Paul Muscat detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 614433M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-28 ta' Settembru, 2016 fil-gimghat ta' qabel u anki fil-31 ta' Jannar, 2017 u fil-granet ta' qabel;

1. Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi fejn ha l-ligi b' idejh izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil-Alexandra Camilleri u lil Monica Ann Deguara fil-pusses ta' hwejjighom billi s-serraturi tac-cwievet tal-bibien li jaghtu ghal fuq il-bejt tal-blokka tal-appartamenti ' San Jose' , Triq Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar u l-bejt tal-blokka appartamenti 24, St. Simon Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija ai termini tal_Art 377 (3) tal-Kap 9 tordna t-tnehhija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sari r-reat, jew li tordna lill-akkuzat sabiex jikkonforma ruhu mall-ligi fi zmien moghti lilu that dik il-penali li joghgobha timpani l-Qorti fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-5 ta' Dicembru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali iddikjarat lill-imputat Peter Paul Muscat hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mill-lum u dan ai termini tal-Artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22 (3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabbilita tieghu u x' jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sitt xhur.

Il-Qorti ordnat lil Peter Paul Muscat sabiex, ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodci Kriminali, fi zmien gimgha mill-lum jaghti cavetta tal-bibien tal-bjut in kwistjoni, u cioe dak f' San Jose, Triq Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar u wkoll ta' 24, St Simon Street, San Pawl il-Bahar lil Alexandra Camilleri u lil Monica Ann Deguara that penali ta' ghaxar ewro kuljum ghal kull gurnata ta' ritard.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Peter Paul Muscat, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Dicembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha **tirrevoka** s-sentenza appellata billi tikkanċellaha fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-imputazzjoniji dedotta kontra tiegħu u minflok tagħddi sabiex tilliberah mill-istess;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-appellant ħassu aggravat b' din is-sentenza b' dan li l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u fis-sempliċita tagħhom jikkonsistu fis-segwenti;

Illi l-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma setgħetx legalment u raġjonevolment tasal għas-sejbien ta' ħtija tal-imputazzjoniji kif dedotta stante li mill-assjem tal-evidenza ġie ppruvat li fiż-żewġ okkażżjonijiet li l-appellant biddel is-sellaturi relattivi **l-aġir tiegħu ma kienx tali li jwassal għall-estremi tal-elementi meħtieġa sabiex jissustixxi r-reat tar-*ragion fattasi*;**

Illi *in primis* l-appellant ġie mixli li huwa fixkel lill-kwerelanti fil-pussess ta' ħwejjiġhom fl-ewwel istanza nhar it-28 ta' Settembru, 2016 u fil-ġimgħat ta' qabel;

Illi huwa umilment sottomess li l-Ewwel Onorabbli Qorti madanakollu ma setgħetx tasal għas-sejbien ta' ħtija f' dan ir-rigward. Dan qiegħed jingħad stante li mill-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti rriżulta li meta l-appellant biddel is-sellaturi tal-bibien relattivi nhar it-28 ta' Settembru, 2016 huwa għamel dan **bl-aċċettazzjoni tal-kwerelanti u b' mod li xorta ma fixkilhomx mit-tgawdija tal-aċċess** li kellhom għall-fuq il-bjut tal-blokkok;

Illi filwaqt li huwa veru li fiż-żmien qabel it-28 ta' Settembru, 2016 il-kwerelanti kellhom ċwievet li permezz tagħhom huma setgħu jaċċedu fuq il-bjut in kwistjoni, mill-evidenza li tressqet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti rriżulta li l-kwerelanti aċċettaw il-bdil fis-sellaturi u dan billi huwa paċifiku li għal xhur sħaħ wara tali bdil il-kwerelanti qatt ma għamlu rapporti mal-Pulizija u anzi kkoperaw mal-appellant fir-rigward tal-metodoloġija l-ġdida li kellha tiġi adoperata sabiex jaċċedu fuq il-bjut tal-blokkok;

Illi fil-fatt quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kemm il-kwerelanta Alexandra Camilleri u kif ukoll il-kwerelanta Monica Ann Deguara stqarrew fuq il-pedana tax-xhieda u bil-ġurament tagħhom illi fix-xhur **wara t-28 ta' Settembru, 2016 huma xorta waħda dejjem baqgħu jaċċedu fuq il-bjut** billi sempliċiment jitolbu lill-appellant kull darba li kien hemm il-ħtieġa li jagħmlu dan;

Illi l-appellant hawnhekk jagħmel referenza umli għall-ġurisprudenza nostrana in materia, fejn kemm il-darba ġew paċifikament enunċjati l-elementi tar-reat tar-raġion fattasi;

Illi dan qiegħed isir billi anależi akkurata tal-elementi relattivi għal dan ir-reat għandha twassal lil din l-Onorabbli Qorti għall-konklużjoni li meta l-appellant

biddel is-sellaturi f' Settembru, 2016 ma kienux jissustixxu l-estremi meħtieġa mill-elementi kostitwenti tar-reat addebitat lill-appellant;

Illi l-elementi tar-reat in diżamina ġew maġisterjalment miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija mill-Imħallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża *Il-Pulizija v Giuseppe Bonavia et*, b' dan li skond dik is-sentenza l-elementi tar-reat huma:

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi , u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b' idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f' reat aktar gravi"[1]

Illi bl-istess mod skond is-sentenza mogħtija nhar it-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija v Emmauel Muscat et* huma erbgħa l-elementi tar-reat maħsub fl-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe:

1. L-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor.

2. Il-kredenza li l-att qieghed isir b' ezercizzju ta' dritt.

3. Il-koxjenza tal-agent li hu jkun qieghed jghamel de privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika; u

[1] App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV, p.768

4. Nuqqas ta' titolu li jrendi il-fatt aktar gravi."[2]

Illi f' dan id-dawl huwa umilment sottomess li meta l-appellant biddel is-sellatura fit-28 ta' Settembru, 2016 jew fil-ġimgħat ta' qabel l-aġir tiegħu ma kienx tali li jwassal għall-estremi rikjesti mill-ewwel element tar-reat addebitat lilu;

Illi dan qiegħed jingħad għax **il-bdil fis-sellatura ma kienx tali li spolja lill-kwerelanti mit-tgawdija tal-aċċess li kellhom għall-bjut, u dan stante li huma baqgħu jaċċedu fuq il-bjut kull darba li hekk xtaqu**, kif del resto jammettu huma stess, kif ukoll billi tali bdil fis-sellatura ma kienx oppost;

Illi fil-fatt jiġi umilment sottomess li l-aġir tal-kwerelanti fix-xhur sussegwenti għall-bdil tas-sellaturi kien tali li b' ebda mod ma seta jindika oppożizzjoni għal bdil tas-sellaturi, b' dan li tali bdil ġie pjenament aċċettat. Tabilħaqq **jirriżulta anki mix-xhieda mogħtija mill-kwerelanti stess li huma mhux talli ma għamlux rapporti mal-Pulizija fir-rigward tal-bdil tas-sellatura li seħħ f' Settembru, 2016 iżda talli huma kkoperaw bis-sħiħ mal-appellant fix-xhur sussegwenti billi dejjem talbu u ngħataw aċċes**s mill-istess appellant;

Illi naturalment jiġi argumentat, bir-rispett, illi kieku l-kwerelanti kienu qegħdin jopponu l-bdil tas-sellatura li seħħet nhar it-28 ta' Settembru, 2016 huma kienu jew jagħmlu rapport għand il-Pulizija *a tempo vergine*, jew tal-għanqas jaġixxu in kawtela tal-allegat dritt ta' tgawdija li kellhom, u mhux jaċċettaw il-ftehim milħuq ma' missierhom u jikkoperaw b' mod sħiħ miegħu biex jaċċedu fuq il-bjut tal-blokkok relattivi;

Illi l-appellant jagħmel referenza għall-insenjament tal-Carrara li, fi bran partikolarment relevanti għal punt in diskussjoni, jgħid illi:

*"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non*

---

[2] Fost diversi sentenzi li jenunċjaw tali elementi ssir referenza għall-*Il-Pulizija v Salvatore Farrugia*, Appell Kriminali 14 ta' Diċembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; *Il-Pulizija v Carmel sive Charles Farrugia*, Appell Kriminali, 17 ta' Frar, 1995; *Il-Puliziia v Carmelo Ciantar*, 18 ta' Settembru, 1996.

*delinque perche' la legge protegge lo "stato quo"* ***il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati*** *o per decreto della autorita' giudiziale."*[3] (Enfasi miżjuda)

Illi għalhekk huwa umilment sottomess li l-istat ta' fatt li pperdura wara l-bdil tas-sellatura li seħħ f' Settembru, 2016 ma jista' qatt jinkwadra ruħu fir-reat tar-ragion fattasi. Dan billi mhux biss **ma ġie pprivat ebda aċċess lill-kwerelanti, iżda talli keinu proprju huma li bl-aġir estern tagħhom immanifestaw l-aċċettazzjoni ta' dak li kien seħħ. Dan kien proprju għax fattwalment il-kwerelanti ma ġew effettivament imfixxkla fl-ebda tgawdija u xorta waħda kien baqalhom aċċess prattiku u raġonevoli għal bjut**;

Illi jiġi bir-rispett imfakkar illi l-Artikolu 85 mhux intiż biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat tal-awtorita` pubblika;[4]

Illi meta l-appellant biddel is-sellatura f' Settembru, 2016 qatt ma kienet l-intenzjoni tiegħu li jfixkel u jimpedixxi lill-kwerelanti fit-tgawdija ta' aċċess li kellhom għal fuq il-bjut. Tabilħaqq tant il-kwerelanti ma ġewx imfixxkla f' tali tgawdija li huma ma ħadu ebda azzjoni biex jopponu għal dak li kien seħħ, u dan għax huma xorta baqgħu igawdu l-aċċess għall-bejt. Fil-fatt tant kien hemm aċċettazzjoni tal-bdil tas-sellaturi li kien biss diversi xhur wara, ossia fil-laqa' ġenerali tal-*condomini* li l-kwerelanti talbu biex jitbiddel l-*istatus quo* l-ġdid. Jiġi bir-rispett sottomess li tali talba fil-laqa' ġenerali hi fiha nfisha prova ċara u nkontestata tal-fatt li l-bdil tas-sellatura f' Settembru, 2016 kienet debitament aċċettata bħala n-norma l-ġdida mill-*condomini* kollha - **tant hu hekk li tali talba lanqas biss għaddiet b' vot maġġoretarju**;

Illi minn dak kollu hawn fuq magħdud għandu jirriżulta li l-elementi tar-reat, u senjatamanet l-ewwel element, ma seta qatt jiġi kkunsidrat li rriżulta u dan billi l-appellant ma għamel ebda att li bih impedixxa l-aċċess għall-bjut, u wisq għanqas

---

[3] Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850.

[4] *Il-Pulizija v Carmelo Galea*, Appell Kriminali, 4 ta' Novembru, 2002.

ma dan seħħ kontra l-oppożizzjoni tal-kwerelanti. Kien biss sussegwentement wara l-aċċettazzjoni tagħhom li l-kwerelanti reġa bdielhom u bdew jitolbu li jerġgħu jingħataw iċ-ċwievet;

Illi għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet, bir-rispett u b' umilta, żbaljata li ssib lill-appellant ħati talli fixkel il-kwerelanti fit-tgawdija tad-dritt ta' aċċess illi huma kellhom fuq il-bjut relattivi meta huwa biddel is-sellaturi nhar it-28 ta' Settembru, 2016 u fil-ġimgħat ta' qabel;

*Dwar il-Bdil tas-Serratura fil-31 ta' Jannar 2017 u fil-ġranet ta' Qabel.*

Illi l-appellant ġie mixli li huwa fixkel lill-kwerelanti fil-pussess ta' ħwejjiġhom anki nhar il-31 ta' Jannar, 2017 u fil-jiem ta' qabel;

Illi huwa umilment sottomess li anki hawn l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet, bid-dovut rispett, żbaljata li ssib il-ħtija fil-konfront tal-appellant. Dan qiegħed jingħad billi mix-xhieda u l-provi prodotti rriżulta, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li meta l-appellant biddel is-sellaturi f' Jannar, 2017 huwa **għamel dan unikament sabiex ireġġa lura l-*istatus quo antae*, ossia peress li l-kwerelanta Alexandra Camilleri kienet hi stess sgassat is-sellaturi eżistenti fuq suġġeriment tal-amministratur tal-blokkok**;

Illi mix-xhieda prodotta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, u senjatamanet anki mix-xhieda ta' Alexandra Camilleri stess, irriżulta bħala paċifiku li wara li t-talba tal-kwerelanti biex jingħataw iċ-ċwievet tal-bibien li jagħtu għall-bjut ġiet miċħuda fil-laqa' tal-*condomini*, **l-istess Alexandra Camilleri għazlet li taġixxi di *privato braccio* hi stess u biddlet is-sellaturi b' mod abbusiv u illegali**;

Illi **dan ġie kompletament ammess quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li nonostante dan xorta għaddiet sabiex issib il-ħtija fil-konfront tal-appellant talli b' reazzjoni immedjata għall-aġir kriminuż tal-kwerelanti Alexandra Camilleri aġixxa tempestivament in leġittima difeża tad-drittijiet proprjetarji tiegħu**;

Illi ġie diversi drabi awtoritevolment magħdud mill-Qrati nostrana illi;

"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddieħor per eżempju. Għalhekk hemm bżonn li issir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet.

L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t-tgawdija taghha. **Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu**. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu filpussess tal-ħaġa…**Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġja kellu**."[5] (Enfasi miżjuda)

Illi minn dan jinsilet il-prinċipju li imputat ma jinstabx ħati tal-imputazzjoni tar-ragion fattasi una volta l-aġir tiegħu jkun xprunat mill-intenzjoni li jipproteġi l-proprjeta tiegħu, ossia meta jkun aġixxa in leġittima difeża. Konkordi f' tali ħsieb huma wkoll l-awturi li jagħtu lok għad-duttrina li fformulat il-ġurisprudenza nostrana in materia;

Illi fis-sentenzi *Il-Pulizija v Alfred Garroni* mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Jannar tas-sena 1983 u anki fis-sentenza *Il-Pulizija v Michael Portelli* mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati nhar l-20 ta' Lulju, 2006 ġie kkwotat bran mill-Maino, fejn dan tal-aħħar jgħid is-segwenti: "*la massima* ***via vi repellere licet*** *non e soltanto appplicabile alla repulse delle offese personali essa* ***si estende a qualunque repulse di ingiusto attacco alla proprieta****, quando la difesa si eserciti entro I limiti del moderame.*" (Enfasi miżjuda);

Illi dan il-ħsieb hu sostnut bil-fatt li hemm differenza bejn min iżomm il-pussess ta' xi ħaġa li jkun qed igawdi u min min naħa l-oħra ifixkel lil ħaddieħor fit-tgawdija ta'

[5] *Il-Pulizija v Carmel Saliba*, Appell Kriminali, 13 ta' Jannar, 2012.

xi ħaġa. Tal-ewwel ma jwettaq ebda reat filwaqt li fit-tieni istanza r-reat jiġi kristalizzat. Dan huwa abbażi tal-prinċipu *qui continuat non attentat*;

Illi tabilħaqq l-istess Maino, fuq l-iskorta tal-Carrara, jgħid:

> "*Altro principio: non puo' costituire delitti di ragion fattasi la semplice cintinuazione di un possess preesistente; qui continuat non attentat; occorre la violazione del possesso altrui. ' L' atto esterno (costituente il reato di ragion fattasi) deve – cosi' Carrara – privare altri contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene, e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque, perche' la legge protegga lo statu quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati, o per decreto dell' Autorita' guidiziale (si ritiene percio' non commettere reato il colono che insista sul fondo dopo avuta la disdetta). Sarebbe ragion fattasi l' azione dell' altro che mi impedisse di continuare quel godimento; dunque* ***non puo' essere ragion fattasi l' azione mia, con la quale mi mantengo in quel godimento****…*"[6] (Enfasi miżjuda)

Illi imbagħad fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale Speciale II il-Maino jkompli jghid li:

> "***Non commetta reato colui che ha agitato nella necessita di difendere il proprio posesso*** *anzi che col proposito di turbare l' altrui la massima ' vim vi ripellere lecit' non e soltanto applicabile alla ripresa dell' affare personali, esso si estende a qualunque repulso di ingiusto attacco alla proprieta, quando la difesa si esercita entro limiti del moderamo.*"[7] (Enfasi miżjuda)

Illi dan il-principju ġie wkoll enunċjat mill-Carrara meta jghid: "*Dunque,* ***non puo' essere ragion fattasi l' azione mia con la quale mi mantengo in quell godimento.***"[8] (Enfasi miżjuda)

Illi tal-istess ħsieb huwa l-Antolisei:

---

[6] Commento al Codice Penale Italiano – UTET (1992) para 1189, pagna 388.
[7] p. 531-532.
[8] Programma – Vol V – para 2851.

*"L' Ordinamento guridico, consente l' autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco inguisto, il che tradizionalmente viene espresso, in questi casi specifici, con l' antica massima qui continuat non attentat. Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore… nel conflitto delle pretese prevale/interesse del possessore."*[9]

Illi l-istess Antolisei jkompli jispjega li l-persuna li għandha l-pussess ta' oġġett u tieħu dawk il-passi kollha meħtieġa sabiex tħares l-interessi tagħha, ma tkunx tikkommetti dak li huwa jiddefinixxi bħala ' *violenza sulle cose*' , mitlub sabiex jiġi radikat dan ir-reat u jgħid li:

*"Ormai, dottrina e gurisprudenza sana consolidate nel ritenere che il requisite della violenza sulle case non sussiste quando l' agenta fa della cosa un usu conforme alla sua destinazione, sia pur ricorrendo all' inganno o ad altro mezzo fraudolente oppure impossessandosene. Cosi' non si ravvisa vioenza sulle case nel deviare acque, nel chiudere una porta, asportandovi le chiavi, nella sbarrare con un palo l' access ad un terrene, ecc… Viceversa, generalmente si ritiene che costituisca violenza sulle case il forzare un uscio, lo svellare steccati ad inferriate ecc."*[10]

Illi fl-aħħar hu anki l-Crivellari li jispjega li:

*"La massima vim vi repellere licet, come l' altra qui continuat non attentat…escludono l' esercizio arbitrario. Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commettero` mai un atto arbitrario."*

Illi fuq l-iskorta ta' din id-duttrina, diversi drabi rakkolta u applikata anki minn din l-Onorabbli Qorti, għandu jirriżulta li fil-każ odjern l-appellant ma seta qatt jinstab ħati tar-reat addebitat lilu meta huwa biddel is-sellaturi f' Jannar, 2017;

[9] Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II – p. 530.
[10] Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale lip. 531 – 532.

Illi dan qiegħed jingħad għax kien inkontestat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li dan seħħ immedjatament wara li l-kwerelanti stess kienet b' mod abbusiv biddlet is-sellaturi tal-bibien tal-bjut relattivi. Fil-fatt **il-verita hi li kienet il-kwerelanta Alexandra Camilleri li għażlet li teżerċita dritt li tippretendi li kellha u pprivat lill-appellant mit-tgawdija li kellu kontra r-rieda espressa tal-istess, u dan il-għaliex fuq is-suġġeriment tal-amministratur Mario Micallef ippretendiet li kellha xi jedd tagħmel dan**;

Illi **meta l-appellant għalhekk għażel li jirrimuovi dak li kienet għamlet il-kwerelanti Alexandra Camilleri f' Jannar, 2017 huwa kien sempliċiment qiegħed jaġixxi biex jikkonserva l-*istatus quo antae*, ossia biex jibqa jgawdi dak li kellu qabel l-azzjoni ta' Alexandra Camilleri - il-kontroll fuq l-aċċess għal bjut relattivi**;

Illi ta' min jirrileva li l-appellant ħa din l-azzjoni b' mod immedjat u tempestiv peress li kien diġa immanifesta b' mod ċar l-oppożizzjoni tiegħu għall-mozzjoni mqajjma fil-laqa' ġenerali tal-*condomini*, b' dan pero li in vista tal-fatt li l-kwerelanta Alexandra Camilleri hija bintu huwa għażel li ma jagħmel ebda rapport mal-Pulizija Eżekuttiva;

Illi **dan kolllu mhux talli rriżulta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti iżda talli lanqas biss kien kontestat, u x-xhieda kollha, inkluż iż-żewġt kwerelanti u anki l-amministratur tal-blokkok Mario Micallef, taħt il-ġurament tagħhom ammettew li dawn kienu l-fatti kif ġraw**;

Illi għalhekk l-appellant umilment jissottometti li anki hawn l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet, bir-rispett, żbaljata ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u dan billi l-aġir tiegħu f' Jannar, 2017 ma kienx tali li jagħti lok għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-addebitu tar-reat maħsub fl-Artikolu 85 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-okkorezna esebita fol. 7, il-kwerela esebita a fol 10, ittra li giet mibghuta mill-adminsitrator lill-appelant fit-30 ta Dicembru 2016 a fol. 11, set ritratti esebiti a fol 16 et seq

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, lill-appellant jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u ix-xhieda tad-difiza.

Ikunsidrat.

Illi nhar it-18 ta Settembru 2018 xehdet **Sandra Camilleri** u spjegat li missierha kellu dar u kien waqaghha u bena zewg blokki minflokha u kien ta flat kull wiehed lill-uliedu u kien zamm il-ground floor ghalih u zamm ukoll il-common parts. Spjegat illi biex tidhol fuq il-bejt kien hem bieb u mis-sena 2013 u cioe is-sena meta nbiet il-blokka sa Settembru 2016 l-ahwa kollha kellhom aaccess liberu ghall-bejt.

Gara illi f'Settembru, 2016 missierha l-appellant qabad u ddecieda unilateralment minghajr ma avzhom u biddel is-serratura tal-bieb u b'hekk ostkolalhom l-access liberu li kellhom ghal dan il-bejt. Hija indunat b'dan kollu fit-28 ta Settemrbu 2016. Qalet illi kienet kelmet lil misierha dwar din il-kwistjoni u dan qallha li hekk ried jghamel bla raguni u infurmhom li jekk riedu jitilghu fuq i-bejt kellhom jinfurmawh minn qabel u huwa itihom access. Spejgat li infurmat l-adminsitrator dwar din il-kwistjoni stante li fil-kuntatt taghha ija kellha access ghall-bejt u dan ipprova ikellem lill-appellant izda ma wasalx.

Taf li kien hemm xi laqgha tal-condominium sabiex jipprovaw jiehdu decizjoni dwar din il-pendenza izda kien hemm tie u ghalhekk ma ittihed l-ebda vot minkejja li l-adminsitrator setgha jivvota. Baqghu li l-adminsitrator kellu ikellem lil wiehed mill-ahwa li ighix l-Ingilterra.

Wara xi zmien qalet li tkellment mal-administrator dwar din il-kwisjtoni u dan qallha beix tbiddel is serratura u tghati kopja tac-cwievet il-godda lill-inkwilini kollha tal-blokka. Hija ghalhekk fuq din l-istruzzjoni ghamlet hekk fl-10 ta Jannar

2017, u ghaddiet kopja tac-cavetta lil adminsitator u dan sabiex jghati kopja lill-kull min kellu access ghal-bejt.

Qalet li meta missierha induna b'dan missierha rega' ghat-tieni darba biddel is-serratura u zamm ic-cavetta ghalih. Rega' ma tahomx kopja u kien ghalhek illi marret tghamel rapport l-ghassa ghaliex ma setghetx tkompli b'din is-sitwazzjoni.

Mistoqsija jekk missierha kienx gabar ic-cavetta li kellha tas-serratura meta biddel is-serratura tghid li le, ic-cvetta baqghet ghandha pero' minghajr ma kellha l-access liberu li gawdiet qabel.

**Mario Micallef** l-adminsitrator xehed fl-istess seduta u kkonferma dak kolu li qalet Sandra Camilleri. Ikkonferma li l-inkwilini tal-blokka kollha kellhom access liberu ghall-bejt sakemm l-appellant iddecida li jbiddel is-serratura minghajr permesss ta' hadd. Qal li huwa pprova jikkomunika mieghu sabiex itihom kopja tac-cavetta izda ma wasal imkien. Ikkonferma li verament kien hemm laqgha tal-condominium izda l- membri ma waslu ghall-ebda' arrangament dwar din il-kwistjoni u kien baqa' maghhom li kellu jikkomunika ma huhom li jghix barra minn Malta biex isaqsih ghall-opinjoni tieghu.

Ikkonferma li fl-ahhar tas-sena 2016 Sandra Camilleri kienet kellmitu mill-gdid fuq din il-kwisjtoni u dan qallha biex tmur tbiddel is-serratura u ittih kopja tac-cavetta biex jghaddiha lil kulhadd. Ikkonferma li din Camilleri hekk ghamlet u ghaddietlu kopja tac-cavetta il-gdida u huwa ghamel kopji u ghaddihom lil kulhadd inkluz l-appellant u lil huhom li jghix barra ghax baghtilhielu bil-posta.

Qal li imbaghad sar jaf ghaliex hu ma jghix fil-blokka li l-appellant rega' biddel is-serratura u ma tahomx kopja tac-cavetta u kien dak in-nhar li ddecida li ma jibqax administrator tal-blokka ghax ra li ma setax jimxi 'l quddiem.

Mistoqsi x'gara bejn Settembru 2016 u Jannar 2017 dwar l-access tal-bejt jghid li ma jafx ghaliex hu ma jghix hemm pero' minghalilh qalulu li kellhom jitolbu lil

missierhom biex itihom l-access meta jkollhom bzonn u dan kien itihom l-access pero' mhux liberu.

**Monica Deguara** xehdet u qalet li hi ukoll tigi bint l-appellant u oht Sandra Camilleri. Ikkonfermat dak kollu li qalet Sandra Camilleri. Qalet li taf li misierha biddel is-serratura darbtejn darba f' Settembru, 2016 u darb ohra f' Jannar, 2017. Qalet li kull darba li missierha jbiddel is-serratura qatt ma tahom cavetta tas-serratura l-gdida. Taf li bejn dawn iz-zewg okkazjonijiet kien hemm okkazjoni meta biddlet is-serratura Sandra Camilleri pero' meta ghamlet hekk hi fuq struzzjoni tal-adminsitrator din tathom kopja tac-cavetta. Ikkonfermat li qabel ma missierha l-appellant biddel is-serratura f 'Settembru, 2016 hija kellha access liberu ghal bejt bhal kulhadd min kien jghix fil-blokka. Tghid li pero' wara kellha l-access ostakolat u kellha kull darba titlob lil missierha biex itiha access. Ikkonfermat li kien itiha l-acces pero' ma kienx facli.

L-appellant xehed minn jeddu u b'mod volontarju u kkonferma li kien hu li biddel is-serratura f'Settembru 2016. Mistoqsi ghaliex kien ghamel hekk qal li bintu kien tghid li kull ma jigri fuq il-bejt hija responsabilta' tieghu u ra li xi hadd minn uliedu kien tellgha zewg minn nies handikappati fuq il-bejt u ma ghogbitux l-idea u ghalhekk iddecida li jostkolalhom l-accss liberu. Qal li verament ma tahomx kopja tac-cavetta tas-serratura il-gdida izda kien jifthilhom kull meta kienu jitolobuh.

Qal li hemmhekk tieghu u jiddecidi hu. Jaf li imbaghad bintu Sandra bidlet is-serratura f'Jannar u xi gimgha wara meta inghata kopja tac-cavetta il-gdida minghand Mario Micallef rega' mar fuq il-bejt u biddel is-serratura u dan kien f'Jannar 2017.

Mistoqsi mill-Qorti jekk tax xi kopja tac-cavetta lil xi hadd jghid li le u mhux ser jghati ghaliex kieku ma kienx ikun hemm raguni ghaliex ibiddel is-serratura.

Ikkonferma li sa Settembru 2016 uliedu kollha kellhom access liberu ghall-bejt u dan ddecida li ibiddel l-access unilaterlament f' Settembru meta biddel is-serratura ghall-ewwel darba. Ikkonferma li mbaghad minn dakinhar 'l quddiem meta riedu jitilghu

fuq il-bejt uliedu kellhom jitolbu lilu u bi ftehim maghhom kien jifthilhom. Ikkonferma ukoll li bintu Sandra bidlet is-serratura u li inghata kopja tac-cavetta l-gdida pero' xi jiem wara reg'a biddel is-serratura mill-gdid.

Peter Paul Muscat junior xehed in difesa u kkonfrma dak kollu li qal missiru l-appellant u hutu Sandra Camileri u Monica Deguara. Salv li qal li meta missieru biddel is-serratura f'Settembru kien talbu biex jigbor ic-cwievet il-qodma u kien tah il-kopja tieghu. Altrimenti kull ma qal kien ikkonfemra il-fatti kif gja spejgati.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz.

Jidher mill-analizi tal-provi prodotti kemm tal-prosekuzjzoni u tad-difiza li fuq il-fatti ma hemmx kontestazzjoni. Jirrizult abhala fatt is-segwenti.

1. Li l-appellant bena blokk appartamenti u ta' flat lill-uliedu u zamm il-ground floor u common areas ghalih.
2. Illi huwa kien thom access liberu ghall-bejt.
3. Illi kulhadd gawda minn dan l-access minn smeta gie kostruwit il-blokk u cioe' fis-sena 2013 sa Settembru 2016.
4. Illi f'Settembru 2016 l-appellant biddel is-serratura u ostakola l-access liberu li kellhom l-inkwilini u sidien tal-blokk.
5. Illi f'Jannar 2017 Sandra Camilleri bidlet is-serratura mill-gdid u ghaddiet kopja tac-cavetta lil kulhadd tramite l-adminsitrator.
6. Illi fil-frattemp u cioe' minn Settembru 2016 sa Jannar 2017 l-inkwilini kienu jaccessq il-bejt wara li jiftiehmu ma l-appellant biex itihom l-access. Dan ma baqax access liberu.
7. Illi f'Jannar 2017 l-appellant rega' biddel is-serratura, zamm ic-cavetta ghalih u kien ghalhekk li sar dan ir-rapport ta' raggion fattasi.

Illi jidher li l interpretazzjoni legali li qed tinghata mill-partijet hija differenti u dan ghaliex il-prosekuzzjoni qed tghid li l-appellant qabad u biddel l-istatus quo tal-access meta bidel is-serratura u ma hallix lill-inkwlinini ikomplu igawdu mill-access liberu. Waqt li d-difiza issostni li l-istatus quo f'Jannar kien gia inbidel u dan ghaliex

l-inkwilini li ma ghamlux rapport meta l-appellant biddel is-serratura l-ewwel darba gew li accetta tacitament l-istatus quo l-gdida. Ghalhekk meta l-appellant ghamel li ghamel f'Jannar ma biddel l-ebda status quo anzi irrientegra l-istatus quo li kien hemm antecedentement.

Ikkunsidrat ulterjorment.

L-appellant gie akkzuat bir-reat ta' raggion fattasi kif previst fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu hu, in sustanza, konkordanti mal-artikolu 168 tal-Ligijiet Penali li kienu allura vigenti fid-Due Sicilie, u ghalhekk l-istudju jista' jigi agevolment bazat fuq il-kommentaturi ta' dan l-artikolu.

Hu cert li fil-ktieb tieghu Programma -, Carrara jiddefinixxi l-elementi kostitwiti kif deskritti fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Nazzareno Gauci fejn gie deciz li "Ir-reat ta' raggion fattasi jigi kommess minn min, fl-ezercizzju ta' dritt li jippretendi li ghandu (u indipendentement minn jekk verament ghandux o meno dak d-dritt) jfixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu li dak ix-xi hadd ikun qed jgawdi. Kif gie diversi drabi mfisser, biex ikun hemm dana r-reat iridu jikkonkorru certu elementi kif l magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "***Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et.*** " bhala:

(1) att esterni li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; (jew fi kliem il-Crivellari, " la persuasione di fare da se' cio' che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato ") u
(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi . (ara fost diversi sentenzi Il-Pulizija v Salvatore Farrugia ; Il-Pulizija v Carmel sive Charles Farrugia ; Il-Pulizija v Carmelo Ciantar , u Falzon G. - Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta) 1872, )

Gie ritenut illi :

"Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha. "

Fuq kollox:

"L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."

Kif tajjeb gie mfisser fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija Vs Bongailas*** :-

"l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminalili jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew tgawdija ta' dik il-haga.

Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew it-tgawdija tal-fond in kwistjoni."

Jinghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija Vs Said Eileen li:- "Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu (sottolinear ta din il-Qorti) ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun

wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta bic-car li l-appellant ostakola lill-kwerelanti mill-access liberu li kellhom u dan billi qabad u arbitrarjament biddel is-serratura mhux darba izda darbtejn biex jostakola l-access taghhom. Illi dak li tghid id-difiza li l-kwerelanti accettaw tactimanet l-istatus quo il-gdid ma jirriuztla minn imkien anzi jirrizulta l-oppost u cioe' li l-appellanti esasperaw ruhhom bl-agir ta' missierhom li jkun ostinat u jibqa' jippriva lilhom mid-dritt tghhom li jgawdu l-acces li kellhom tant kien ta' esasperazzjoni l-agir tal-appellant li anke l-adminsitrator ceda' u ma baqax jamminsitra l-blokka.

Din mhiex xi kwisjtoni ta' *vim vi repellere* kif mistqarr mid-difiza fit-trattazzjoni teighu:

Crivellari dwar din id-difiza ighid:

*"La massima vim vi repellere licet, come l"altra qui continuat non attentat…escludono l"esercizio arbitrario. Egli è perciò che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigerà una siepe, in quello stesso momento avrò diritto di abbatterla, allora respingerò un arbitrio, ma non commetterò mai un atto arbitrario."*

Antolisei ukoll jispjega f'dan ir rigward li :

*"L'ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l"autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l"antica massima qui continuat non attentat. Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l"interesse del possessore."*

Ghalhekk tajjeb titaqsi meta hu applikabbli d-difiza ta vim vi repellere licet? Meta naghmlu referenza ghal dan il-principju qed nittrataw l-att legali sabiex b'forza ripellata b'forza soggetta ghar-regola generali li l-forza ser tintuza mhux ghal skop ta' tpattija izda biex dak li jkun jiddefendi hwejgu. Naturalment il-forza uzata trid tkun fil-limiti naturali taghha.

Carrara isostni li l-maxim maxim vim vi repellere licet "*non è soltanto applicabile alla repulsa delle offese personali; essa si estende a qualunque repulsa di ingiusto attacco alla proprietà, quando la difesa si eserciti entro i limiti del moderame.*"

Dwar dan il-principju Professor Anthony J. Mamo isostni li:
*"No offence is committed if the agent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others"*

Illi pero' din il-Qorti tipprovdi li sabiex dan il-principju jissusti huwa importanti li l-att biex tirripella il-forza f'dan il-kaz it- tibdil tas-serratura isir bla telf ta' zmien u mhux gimgha wara kif gara f'dan il-kaz ta' tibdil ta' serratura f' Jannar 2017. Din id-difiza ghalhekk qed tigi michuda ukoll.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma is-sentenza tal-ewel Qorti fl-intier taghha kemm fir-rigward tal-mertu kif ukol fir-rigward tal-piena inflitta .

Qieghda wkoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat lill-appellant sabiex ai termini tal-artikolu 377 tal- Kodici Kriminali fi zmien gimgha m'illum jaghti cavetta tal-bibien tal-bjut in kwisjtoni u cioe' f' San Jose, Triq il-Plajjet Bognor, San Pawl il- Bahar u wkoll ta' 24, St Simon Street, San Pawl il-Bahar lil Alexandra Camilleri u Monica Deguara taht penali ta' ghaxar euro (10) kuljum ghal kul gurnata ta' ritard.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur